

Juvenes Translatores 2024

PDF generated for translation No.: 1889 from student id: 18406 [en - mt]

Your translation [Malti]

AĦSIBHA DARBTEJN U TELLA' DARBA

- Hello nann. Kont qed naħseb fik illum l-iskola.
- Veru? Da x'kien?
- Kellna lezzjoni fuq iċ-ċittadinanza diġitali - taf inti, kif iġġib ruħek onlajn, kif tibqa' sigur fuq l-internet u hekk, għax hija xi ħaġa li qed tinkwieta fuqha l-UE, u tkellimna fuq kif hawn miżibilju ta' scams immirati lejn l-anzjani b'mod partikolari...
- Din xi trid tgħid biha! Naqra inqas referenzi għax-'xjuħ', jekk jogħġbok. U ma nafx tafx, imma jiena perfettament kapaċi nipproteġi lili nnifsi onlajn. Għandi ftit xagħar abjad mhux ħażin - ma twelidtx ilbieraħ.
- Allura xi tgħidli fuq dik id-darba li mort btala Spanja u tfajt ir-ritratti kollha tal-vaganza fuq Facebook, bl-istatus 'Tlaqt għal ġimgħa f'Benidorm!'. Għal ftit, stajt titfa' riklam fuq il-gazzetta tħabbar li 'Mhux qiegħed id-dar jien! Ejjew isirquni!'.
- Eħ veru, fuq dik għandek raġun, fil-fatt neħħejt l-istatus mas-sekonda li ftaħtli għajnejja. Imma tiġix tgħidli li aħna x-xjuħ biss inġibu ruħna bi bluha onlajn ta'. Kont qed naqra dan l-artiklu fuq żaġġużuż naqra ikbar minnek li ħareġ jixxala ma' šhabu f'lejla ta' nhar ta' Sibt, ħa naqra stess i fis-sakra u tefagħhom fuq il-profil tiegħu. Dawk ir-ritratti li ma jagħmlulux ħajr probabbilment ma kienux jerġġu jgħaddu minn moħħu, sakemm ma semmiehomlux l-intervistatur snin wara meta applika għall-ewwel xogħol tiegħu ta' għalliem...
- X'mištija! Inkun irrid l-art tiblagħni kieku jiġrili hekk. Iżda m'għandix dubju li kellek xi ljieli ta' xalar int ukoll fi żmienek.
- Dak misteru li jiena noster u li inti trid tiskopri! Iżda anki jekk kelli, għallinqas m'hemm l-ebda evidenza fotografika ddu fuq il-cloud li tista' tikkonferma dan...
- Heq, veru. Ħafna drabi n-nies jinsew li ġaladarba tellgħu ritratt jew tefgħu xi ħaġa onlajn, qiegħda hemm għal dejjem. Bħal meta tgħajjar lil xi ħadd onlajn fil-qilla tal-mument. Ġaladarba qiegħda hemm, diffiċli mmens biex tordomha fit-tebut.
- Iżda fuq kollox, dawk il-ħiliet diġitali li għallimtni b'daqshekk paċenzja kienu ta' salvazzjoni, speċjalment għall-lum il-ġurnata li m'għadx nista' niċċaqlaq kif kont xi darba. Nista' nibqa' f'kuntatt ma' šhabi kollha, ingħaqadt fi klabb tal-kotba onlajn, inżomm ruħi aġġornat mal-krikit fil-ħin reali, u saħansitra sibt app li qed tgħallimni l-Ispanjol! Il-ġmiel tad-dinja moderna! Inti kull ma trid tagħmel hu li żżomm għemilek għandek u ftakar - kieku xi ħaġa ma tgħidhiex wiċċ imb'wiċċ jew tippubblikaha fuq il-gazzetta, wisq probabbli aktar għaqli tigdem ilsienek fuqha onlajn!

PDF generated for translation No.: 1889 from student id: 18406 [en - mt]

PAUSE BEFORE YOU POST

- 09/02/2025 16:32:55